MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 997/2005

**HSBC Home Loans (Malta) Ltd**

**vs**

**Lawrence u Jennifer konjugi Catania**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici fejn wara li ppremetta:

Illi fl-14 ta' Gunju 2005 giet liberata a favur tas-socjeta' attrici is-segwenti proprjeta':

a. Il-flat bin-numru erbgha (4) formanti parti minn blokk ta' erba' (4) flats f'Hal-Qormi, Triq l-Imhallef George Schembri liema blokk huwa bla numru u jismu "Rose Flats" u jmiss mit-Tramuntana mal-imsemmija triq, mill-Lvant ma beni ta' Mario Bonnici u mill-Punent ma beni ta' Antonio Fenech jew irjieh verjuri;

b. Kwart indiviz tal-intrata, tat-tarag sal-bejt u t-tromba tat-tarag tal-imsemmija blokk u

c. Parti diviza tal-bejt tal-istess blokk tal-kejl ta' cirka tnejn u hamsin metru kwadru (52m.k.) u tmiss mit-Tramuntana ma triq imsemmija, minn Nofs-in-Nhar mal-kumplament tal-bejt u mill-Lvant ma beni ta' Rose Debattista inkluza l-*washroom* mibnija fuq l-istess parti diviza tal-bejt. Il-flat in kwistjoni ghandu s-sistema tad-drenagg u l-ilma tax-xita in komun mal-beni sottoposti, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu.

U dan bil-prezz ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) u kif jirrizulta mill-anness dokument 'A'

2. Illi din l-proprjeta' kienet tappartjeni lill-konvenuti Lawrence u Jennifer konjugi Catania;

3. Illi sa minn dakinhar il-proprjeta' in kwistjoni kienet u baqghet okkupata u detenuta mill-konvenuti abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;
4. Illi s-socjeta' attrici qeghda ukoll issofri danni minhabba din l-okkupazzjoni illegali da parti tal-konvenuti u dan konsistenti fit-telf tal-kera tal-fond in kwistjoni li gie ikkalkulat mill-Perit Karm Farrugia fl-ammont ta' elf seba' mija u tmenin lira Maltija (Lm1780) fis-sena u ghalhekk ghal perjodu bejn l-14 ta' Gunju 2005 u t-13 ta' Ottubru 2005 is-socjeta' attrici diga' soffriet danni fl-ammont ta' hames mija tlieta u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm593.33); - Dok 'B'.

5. Illi l-konvenuti interpellati kemm sabiex jizgumbraw mill-fond in kwistjoni kif ukoll biex ihallsu d-danni imsemmija baqghu inadempjenti

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw u jiddetjenu l-flat numru 4 Rose Flats, Triq l-Imhallef George Schembri Qormi, flimkien mal-accessorji, drittijiet

u pertinenzi kollha tieghu fuq deskritti abbuzivament u minghajr ebda titolu fil-ligi;

2. Tordna, ghalhekk, l-izgumbrament tal-konvenuti mill-istess proprjeta' u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilhom minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici qeghda issofri danni minhabba l-agir tal-konvenuti konsistenti fit-telf tal-kera fl-ammont ta' elf seba' mija u tmenin lira Maltija (LM1,780) fis-sena u li sallum diga' tilfu l-ammont ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltija u tlieta u tlettin centezmu (Lm593.33) dovuta lilhom kif fuq imsemmi;

4. Tordna, ghalhekk, lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm593.33) flimkien ma dak l-ammont l-iehor ulterjuri dovut lilhom kalkolabbli bir-rata fuq imsemmija mill-14 ta' Ottubru 2005 sad-data tal-izgumbrament effettiv u dan in vija ta' danni kif fuq inghad, jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din il-Qorti jekk ikun il-kaz ukoll in vija ta' danni - naturalment, ukoll sad-data tal-izgumbrament relattiv.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotta fic-citazzjoni u rat ukoll il-qbil bejn il-partijiet dwar it-tieni talba fic-citazzjoni attrici kollox skond il-verbal tallum.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ippruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuti permezz ta' nota, u in vista ta' dak verbalizzat fis-seduta tallum,

tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedotti fic-citazzjoni b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw u jiddetjenu l-flat numru 4 Rose Flats, Triq l-Imhallef George Schembri Qormi, flimkien mal-accessorji, drittijiet u pertinenzi kollha tieghu fuq deskritti abbuzivament u minghajr ebda titolu fil-ligi;

2. Tordna, ghalhekk, l-izgumbrament tal-konvenuti mill-istess proprjeta' u dan fi zmien qasir u perentorju ta’ sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici qeghda issofri danni minhabba l-agir tal-konvenuti konsistenli fit-telf tal-kera fl-ammont ta' elf seba’ mija u tmenin lira Maltija (LM1,780) fis-sena u li sallum diga' tilfu l-ammont ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltija u tlieta u tlettin centezmu (Lm593.33) dovuta lilhom kif fuq imsemmi;

4. Tordna, ghalhekk, lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm593.33) flimkien ma dak l-ammont l-iehor ulterjuri dovut lilhom kalkolabbli bir-rata fuq imsemmija mill-14 ta' Ottubru 2005 sad-data tal-izgumbrament effettiv u dan in vija ta' danni kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------